MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Numru. 754/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs.**

**Joevin Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joevin Ellul ta' 18-il sena bin Emanuel u Mary nee' Galea, mwieled Pieta' fid-29 ta' Gunju, 1987 u residenti '337', New Orleans, Triq Patri A. Tonna Brathet, Pembroke, detentur ta' numru tal-karta tal-identita' 345787(M).

Billi akkuzat talli nhar il-5 ta' Frar, 2006 ghall-habta tal-11.30 a.m. waqt li kien qed isuq vettura ELT 013 ta' l-ghamla Toyota fi Triq il-Kosta, Salina; u f'inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna griehi;
    a. Ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nazzareno Mercieca ID 130988(M) skond kif iccertifikat Dr. Johanna Pace M.D.
    b. U aktar talli kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Muscat ID 949949(M) skond kif iccertifika Dr. E. Pace Balzan u Dr. Daniela Barbara M.D. (reg. 9839) tal-Casualty Department tal-Isptar San Luqa.
    c. U aktar talli kkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Chantelle Vassallo ID 403392(M) skond ma ccertifikat Dr. Tiziana Micallef M.D.
    d. U aktar talli kkawza griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Terry Muscat ID 543971(M) skond ma ccertifikat Dr. Joanna Pace M.D. tal-Casualty Department tal-Isptar San Luqa.
2. Saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, meta habat ma vettura JBD 767, LAN 683 u kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Nazareno Mercieca u Charles Axisa rispettivament.
3. Saq bi speed eccessiv u dan ai termini tal-artikolu 127 tal-L.S. 65.11
4. Saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni ghal riskju ta' terzi persuni,
5. U aktar talli qabez il-linji bajda kontinwi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi Joevin Ellul milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-kunsens mibghuta mill-Avukat Generali fit-3 t'Awwissu, 2006, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti ezebiti.

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dan l-incident tat-traffiku huma s-segwenti:

1. Dan l-incident sehh in-naha tas-Salina, fi Triq il-Kosta ghall-habta tal-11.30a.m. ta' fil-ghodu.
2. L-imputat kien gej min-naha ta' Bugibba niezel lejn Pembroke. F'hin minnhom ghamel manuvra ta' surpass f'post fejn ghalkemm it-triq kienet dritta kienet gejja kisra.
3. Skont ix-xhieda tieghu l-imputat jghid hekk: *"Kont fit-triq id-dritta qabel il-kisra, kont qed naqla karozza u ghal xi raguni l-iehor tefa' fuqi u jiena lqatt il-karozza li kienet gejja opposta."*[1]
4. Effettivament l-imputat habat ma zewg karozzi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta, u cioe mid-direzzjoni tas-Salina lejn Bugibba. L-ewwel karozza li laqghat kienet misjuqa minn Nazzereno Mercieca. Dan is-sewwieq prova jevita l-habta billi jilwi in-naha tax-xellug tieghu, pero ma rnexxielux jevita l-impatt, u bid-daqqa l-karozza tieghu daret u spiccat go ghalqa. Il-hsara fil-karozza misjuqa minn Mercieca kienet mill-bieba tax-xufier lura. Pero d-danni kienu estensivi tant

[1] Ara xhieda tal-imputat a fol. 109 tal-process.

li kellhom jigu il-pulizija biex jaqtghuha u johorgu lil wiehed mill-passigieri, Terry Muscat.[2]

5. Fil-karozza ma' Nazzareno Mercieca, kien hemm rekbin tlieta min-nies ohra, Maria Muscat, Terry Muscat u Chantelle Vassallo li garrbu griehi.
6. Maria Muscat kienet riekba fuq quddiem hdejn ix-xufier, u bid-daqqa, habtet widnejha tax-xellug mal-plakka tas-seatbelt. Konsegwenza ta' dan hija tilfet kompletament u permanentement is-smiegh minn widintha l-leminija u minhabba lezjoni f'widintha tax-xellug tilfet ukoll il-bilanc fuq in-naha tax-xellug.[3]
7. Chantelle Vassallo kienet riekba fuq wara tal-vettura fin-nofs u sofriet griehi hfief f'genbejha tal-lemin u kella tbengila fl-irkoppa tax-xellug.[4]
8. Terry Muscat kien riekeb fuq wara. Bid-daqqa intilef minn sensieh u kellu jigi operat f'rasu u f'mohhu,[5] pero gie rilaxxat dak in-nhar stess.
9. It-tieni karozza li l-imputat habat maghha kienet dik ta' Charles Axisa (Fiat JBD 767), li kien qed isuq wara l-vettura ta' Nazzareno Mercieca. Id-daqqa saret fuq ir-rota in-naha tax-xufier u l-ammont tal-hsara kien bejn LM800 u LM900.[6] Pero Axisa ma sofriex griehi.
10. Mir-rapport tal-Pulizija ezebit bhala Dok. PB jirrizulta li l-habta saret f'*"bend/curve"* tat-triq u li t-triq hija *"dual carriage way"*.[7] L-iskizz tal-Pulizija anness mar-rapport ma jindikax li hemm linja bajda kontinwa fit-triq.
11. L-imputat ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghaliex il-polza fuq il-vettura li kien qed issuq kienet tkopri biss lil Emanuel u martu Mary Ellul, u sewwieqa li ghandhom aktar minn 25 sena.[8] L-imputat kellu tmintax (18)-il sena meta gara l-incident, u ghalhekk ma kienx kopert bil-polza tal-assikurazzjoni.

Mix-xhieda tal-partijiet civili kif ukoll mill-iskizz tal-pulizija jirrizulta li l-partijiet civili kienu qieghdin isuqu in-naha taghhom tal-karreggata. Fil-verita, dan qatt ma gie kontestat mill-imputat innifsu, la fix-xhieda tieghu u lanqas fl-istatement li hu ghamel lill-pulizija *a tempo vergine*. Fl-iskizz tal-Pulizija, il-karozza ta' Axisa tidher kjarament li qieghda fuq in-naha tal-karreggata tieghu.

---

[2] Ara xhieda ta' Maria Muscat a fol. 28 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Dott. Elaine Pace Balzan u c-certifikat rilaxxat minnha bhala Dok EPB a fol. 23 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Dott. Tiziana Micallef a fol. 74 tal-process u c-certifikat minnha rilaxxat ezebit bhala Dok TM a fol. 76 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Terry Muscat a fol. 78 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Charles Axisa a fol. 47 tal-process.
[7] Ara fol. 104 tal-process.
[8] Ara xhieda ta' Mark Laferla a fol. 58 tal-process u l-polza tal-assikurazzjoni ezebita bhala Dok ML a fol. 61 *et seq.* tal-process.

Pero, fix-xhieda tieghu l-imputat jghid li l-karreggata hija *"double lane"* jigifieri *"tnejn sejrin 'l fuq u tnejn 'l isfel."*[9] Dan m'huwiex korrett. Fil-fatt, ir-rapport tal-pulizija jiddeskrivi t-triq bhala *"dual carriage way".* Huwa vera li kif jidher anki mill-iskizz tal-pulizija li t-triq hija pjuttost wiesgha, pero certament ma tiflahx li tkun *"double lane,"* kif qed jallega l-imputat.

Mhux kontestat li l-imputat ghamel manuvra ta' sorpass. Skont l-imputat huwa pprova jaqbez karozza wahda. Skont ix-xhieda ta' Maria Muscat, l-imputat ipprova jaqbez erba' (4) jew hames (5) karozzi li kienu quddiemu.[10] Skont ix-xhieda ta' Chantelle Vassallo ipprova jaqbez diversi karozzi ghax *"in-naha tieghu kien hemm it-traffic u biex jaqbizhom, biex jghaggel iktar, qabez u dahal fina."*[11]

Apparti x-xhieda tieghu fuq citata, fir-rapport lill-Pulizija *a tempo vergine*, l-imputat qal hekk: *"Gara li hekk kif gejt biex naqla karozza ta' quddiemi, ma nafx ghala dan ghafas fuq il-lemin, jigifieri fuqi, bil-konsegwenza li jien kelli wkoll naghfas il-barra. Gara li f'dak il-waqt jien spiccajt biex ilqatt il-vettura l-ohra li kienet gejja mid-direzzjoni opposta."*[12] In oltre l-imputat xehed li qabel ma ipprova jaqbez il-vettura ta' quddiemu *"Harist hux. Ma rajtx karozzi gejjin. Imbaghad sibtu fid-dawra lilu, dik il-bicca."*[13] L-imputat jammetti wkoll fix-xhieda tieghu li mhux l-ewwel darba li ghadda minn dik it-triq u jaf li hemm dik il-kisra, izda xorta qala' qabel il-kisra.[14]

Ix-xhud Nazzareno Mercieca li kien qed isuq l-ewwel karozza li habat maghha l-imputat xehed hekk: *"kont qed insuq fuq is-side tieghi u mit-triq ta' kontra tieghi, nara karozza qed taqleb fuq is-side tieghi u baqghet diehla go fija. Pruvajt nevitaha u ma rnexxilix hux."*[15] U meta xhud Charles Axisa, li kien qed isuq it-tieni karozza li habat fiha l-imputat, gie mistoqsi jekk l-imputat bil-manuvra li ghamel qabizx il-karreggata fit-triq jew kienx in-naha tieghu, dan wiegeb *"Le n-naha taghna zgur kien ghax jien kont in-naha tieghi u dahal go fija."*[16] Meta gie suggerit lil dan ix-xhud li l-imputat ma eccediex id-*double line* – li effettivament ma jidhirx li kien hemm – izda li kienet il-karozza ta' quddiemu li fil-verita kienet vicin hafna ta' dan il-line, Axisa wiegeb hekk: *"Le ta. Le. Ha nghidlek ghaliex ghax ta' quddiemi kien ezatt bi dritti u ovjament jiena ma kontx barra mil-linja. Issa meta laqat lilu baqa' gej*

9 Ara xhieda tal-imputat a fol. 110 tal-process.
10 Ara xhieda ta' Maria Muscat a fol. 37 tal-process
11 Ara xhieda ta' Chantelle Vassallo a fol. 39 tal-process.
12 Ara fol. 103 tal-process.
13 Ara xhieda tal-imputat a fol. 113 tal-process.
14 Ara xhieda tal-imputat a fol. 115-116 tal-process.
15 Ara xhieda ta' Nazzareno Micallef a fol. 84 tal-process.
16 Ara xhieda ta' Charles Axisa a fol. 48 tal-process.

*fuqi u laqatni u jigifieri zgur ma kinitx 'l barra mil-linja u jiena kont ghandni f'posti. Kulhadd kien f'postu ghax kien hemm ftit traffiku."*[17]

Mill-iskizz tal-pulizija jirrizulta car li l-vettura ta' Axisa kienet fil-karreggata taghha u fil-fatt waqfet fil-karreggata taghha. Min-naha l-ohra, il-vettura tal-imputat waqfet b'parti sostanzjali taghha fil-karreggata opposta, u mill-iskizz u d-daqqiet fuq il-vetturi jidher car li l-imputat hareg mill-karreggata tieghu u dahal f'dik opposta, minn fejn kienu gejjin il-vetturi tal-partijiet civili.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Bartolo**, deciza fid-9 ta' Settembru 2002, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[18] irriteniet hekk:

*"Issa, hi regola elementari tas-sewqan (riflessa fit-tieni parti tar-regolament 75 tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur) li meta persuna tigi biex tissorpassa, bil-vettura taghha, vettura ohra sejra fl-istess direzzjoni, is-sewwieq li qed jaghmel il-manuvra ta' surpass ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex jassigura li tali manuvra mill-bidu sa l-ahhar taghha ma tkunx ta' perikolu kemm ghalih kif ukoll – u aktar – ghal vetturi ohra, specjalment vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Ghalhekk, qabel ma jibda tali manuvra is-sewwieq sorpassant ghandu qabel xejn jassigura li t-triq hija libera ghal distanza bizzejjed kemm quddiemu kif ukoll warajh; u l-manuvra ghandha tkun wahda rapida, jigifieri li ma tinvolvix li l-vettura li tkun qed taghmel il-manuvra ta' sorpass tispicca ghal xi hin miexja pari passu mal-vettura li qed tigi sorpassata. ... .... Ghalhekk l-aggravju principali ta' l-appellant qed jigi respint.*

*L-appellant jilmenta li s-sewqan tieghu kien, fi kwalunkwe kaz, mhux sewqan perikoluz imma biss, se mai, sewqan traskurat. Din il-Qorti ma taqbilx. Manuvra ta' sorpass maghmula skorrettement u li tirrizulta f'kollizjoni ma' vettura gejja mid-direzzjoni opposta, tikkwalifika certament bhala sewqan perikoluz."*

L-Artikolu 184 tal-Highway Code jippreskrivi hekk: *"TAQLAX VETTURI OHRA meta tkun qed tavvicina: ... ...*

*• triq li taghqad m'ohra;*

[17] Ara xhieda ta' Charles Axisa a fol. 51 tal-process.
[18] *Per* Imhallef V. De Gaetano.

• *kantuniera jew liwja iebsa … …"*

Sabiex l-imputat ghamel il-manuvra ta' surpass in kwistjoni huwa kellu jaqbez in-nofs tat-triq – ghalkemm mill-provi din ma jidhirx li kienet traccata b'xi traccjat b'linja bajda kontinwa jew mhix - meta kien qed javvicina liwja fit-triq, u ghalhekk certament ma kellhux il-vizibilita ta' jekk kienux gejjin karrozzi minn wara liwja. Dana l-fatt wahdu jaghmel il-manuvra ta' sorpass wahda traskurata u, fic-cirkostanzi tal-kaz, anke perikoluza.

Inoltre, diversi xhieda xehedu li l-imputat kien ghaddej bi speed eccessiv, ghalkemm ma jghidux kemm il-kilometru fis-siegha. Il-fatt li l-ewwel karozza li maghha habat l-imputat daret bid-daqqa u spiccat fis-sigar jikkorrobora din ix-xhieda. L-imputat xehed li hu kien qed isur circa 65km fis-siegha, li hu speed regolamentari. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Roger Bugeja**, deciza fit-30 ta' Gunju 1962, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi: *"Speed eccessiv wahdu mhux tabilfors hu perikoluz, imma jista' jkun f'determinati cirkostanzi … …. U f'dawk ic-cirkostanzi speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari ghax il-limiti allura jkun impost mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument*". Fil-kaz odjern, l-imputat ghamel manuvra ta' surpass meta kien jaf li gejja kisra, u la darba ma setghax kellu l-vizwali ta' x'vetturi kienu gejjin minn wara l-kisra u kien qed jinvadi l-karreggata opposta, certament l-ispeed tieghu kellu jkun anqas minn 65km fis-siegha. Ghal din ir-raguni wkoll, l-imputat kien qed isuq b'mod perikoluz u traskurat.

Fl-ahharnett il-Qorti tosserva li anke jekk wiehed kellu jghid, ghall-grazzja ta' l-argument (u ghall-grazzja ta' l-argument biss ghax dan ma gie bl-ebda mod ippruvat minn provi indipendenti), li l-vettura li ipprova jaqbez l-imputat f'xi hin gibdet xi ftit lejn il-lemin, bil-konsegwenza li l-imputat kellu johrog iktar fuq il-lemin tieghu fil-karreggata opposta, l-imputat ma jistax jghid li hu ma kienx responsabbli ghal din il-kollizjoni – jista' biss, se mai, jghid li kien hemm xi haddiehor li wkoll ikkontribwixxa ghaliha. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alexander Azzopardi**, deciza fis-26 ta' Frar 2001, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[19] irriteniet illi *"Il-fatt li haddiehor ukoll kien negligenti ma jgibx fix-xejn ir-responsabbilta` ta' l-appellant, basta, naturalment, li n-negligenza ta' l-appellant kienet kawza efficjenti, ghall-anqas in parti, tal-habta:*

*" In generale…si deve ritenere che, quando l'evento venne prodotto dalla condotta contraria alla polizia o alla disciplina di piu` individui, ciascuno di essi ne risponde principalmente ed egualmente agli altri, sia egli stato causa immediata o mediata, prossima o remota, ma almeno in parte efficiente;*

[19] *Per* Imhallef V. De Gaetano.

*purche`, cioe`, senza il concorso della sua condotta volontaria, ne` l'evento si sarebbe probabilmente verificato, ne` le cause immediate avrebbero verosimilmente operato. (Manzini, V. Trattato di Diritto Penale Italiano, Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed., UTET (Torino), 1981, Vol. I, para. 269)."*

Fil-kaz odjern, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li n-negligenza tal-imputat kienet il-kawza efficenti tal-incident.

Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati tat-tieni (sewqan perikoluz u traskurat) u tar-raba' (sewqan tal-vettura minghajr kopertura ta' polza ta' assigurazzjoni) imputazzjonijiet.

Rigward l-ewwel imputazzjoni, u cioe li involontarjament ikagguna griehi lil diversi nies, il-Qorti issibu hati tal-imputazzjoni 1(b) li ikkawza griehi ta' natura gravi lil Maria Muscat u tal-imputazzjoni 1(c) li ikkawza griehi ta' natura hafifa lil Chantelle Vassallo, dawn jirrizultaw ippruvati sal-grad rikjest fil-kamp penali, u ghalhekk il-Qorti qed issibu hati taghhom.

Rigward l-imputazzjoni 1(d), li l-imputat ikkaguna griehi ta' natura gravi lil Terry Muscat, fil-waqt li mill-provi jirrizulta li kawza tal-habta, Terry Muscat sofra griehi f'rasu tant li kellu jigi operat, mill-provi prodotti ma jirrizultax li griehi ta' Terry Muscat kienu jikkwalifikaw bhala gravi ai termini tal-Artikolu 216 jew 218 tal-Kodici Kriminali, stante li ma tela' l-ebda tabib jixhed dwar in-natura ta' dawn il-griehi. In vista tal-fatt, li fil-kamp penali kull dubbju irid imur favur l-imputat, il-Qorti sejra issib lill-imputat hati li ikkaguna biss griehi ta' natura hafifa lil Terry Muscat.

Rigward l-imputazzjoni 1(a) u cioe li l-imputat ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq Nazzareno Mercieca, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda provi fir-rigward, u ghalhekk l-imputat se jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u cioe li l-imputat saq bi speed eccessiv, ghalkemm din il-Qorti, kif diga intqal iktar il-fuq waslet ghal konkluzjoni li fic-cirkostanzi l-ispeed li bih l-imputat qal li kien qed isuq, u cioe 65 kilometru fis-siegha kien wiehed eccessiv, u la darba ma tressqux provi li l-imputat kien qed isuq bi speed li jeccedi l-ispeed regolamentari, l-imputat ma jistghax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

Il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova wkoll li fil-post tal-incident kien hemm linja bajda kontinwa, u ghaldaqstant l-imputat ma jistghax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Dwar il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li minkejja li l-imputat, li fi zmien l-incident kellu tmintax(18)-il sena, ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni, missier l-imputat ha hsieb ghal jirrizarcixxi d-danni li soffrew il-vetturi li habat maghhom, u anki mar jara lil wiehed mill-passigieri li weggha, Terry Muscat id-dar. Fit-trattazzjoni, l-abbli difensur tal-imputat qal ukoll li l-imputat irrizarcixxa id-danni fizici, pero dan ma jirrizultax mill-provi. Dan juri li l-imputat u missieru kienu sensittivi lejn il-hsara li kkaguna l-imputat.

Pero, il-Qorti ma tistax tinjora li dan l-incident halla mara, Maria Muscat, truxa totalment u permanentement mill-widna tax-xellug u minghajr bilanc fuq in-naha tax-xellug.

Kif hafna drabi jinghad, karozza hija arma f'idejn is-sewwieq, u jekk ma tintuzax sewwa tista' thalli konsegwenzi serji, bhal fil-kaz odjern. Ghaldaqstant, din il-Qorti qatt ma tista tittollera sewqan perikoluz u traskurat.

Mill-fedina penali aggiornata tal-imputat jirrizulta li hu ghandu kundanna wahda minn dawn il-Qrati dwar ksur tal-ligijiet dwar il-kacca. Din il-kundanna tmur lura ghal incident li sehh f'Ottubru 2006, ftit xhur wara l-habta in kwistjoni, u li jindika li dak iz-zmien l-imputat kellu predisposizzjoni li jikser l-ligijiet regolamentarji, pero jidher li f'dawn l-ahhar snin ma kellux aktar incidenti mal-awtoritajiet kompetenti.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 226(1)(a) u (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65, l-Artikolu 3(1), 3(2) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 u r-regolamenti 88 u 127 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11:

1. issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni ittra (a) li tirreferi ghal griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nazzareno Mercieca, tat-tielet u tal-hames imputazzjonijiet u qed tilliberah minnhom;
2. issib lill-imputat mhux hati ukoll tal-ewwel imputazzjoni ittra (d) li tirreferi ghal griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Terry Muscat u qed tilliberah minnha, pero issibu hati minflok fl-offiza kompriza u involuta fl-ewwel imputazzjoni bl-ittra (d) li ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Terry Muscat;
3. issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni ittra (b) li tirreferi ghal griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Muscat u l-ewwel imputazzjoni ittra (c) li tirreferi ghal griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Chantelle Vassallo;
4. issib lill-imputat hati wkoll tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ghal hlas ta' multa ta' sebat elef Euro (€7000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Euro (€200.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu, 2015, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti qieghda wkoll, ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 u 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-ligijiet ta' Malta tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tnax (12) -il xahar millum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------